**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 36

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 35

36.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħamsa u tlettin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

36.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

36.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia, l-minuti tal-ħamsa u tlettin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-intervent li sar fi Triq Carmelo Farrugia fejn jidher li kien hemm xi problemi dwar xi ħmieġ li waqa fis-sistema tad-dranaġġ li rriżulta fi sadd. Huwa spjega li minn naħa tal-kunsill ingħatat l-għajnuna biex ir-residenti ma jibqgħux jerqgħu fil-ħmieħ u tħallas x-xogħol ta' tindif li sar. Is-Sur Dalli qal kif issa din l-ispiża l-kunsill irid jirkupraha mingħand min hu responsabbli; jew il-kuntrattur jew WSC.

36.3.2 Is-Sindku tkellem dwar İx-xogħlijiet ta' main ġdid tal-ilma fi Triq Ħal-Bordi, Triq tal-Mirakli u Triq Nicholas Cottoner, li ser ikunu qed isiru mill-WSC minn Fondi tal-EU. Dawn ix-xogħlijiet ser jibdew l-Ġimgħa d-dieħla. Qed isiru l-preparamenti kollha u r-residenti ġew infurmati b'dan ukoll. Kif ġie diskuss f'seduta oħra, fi Triq tal-Mirakli u Triq Hal Bordi, f'naħa waħda minnhom il-main ser jgħaddi mit-triq u kien hemm qbil li għalhekk il-kunsill għandu jidħol għax-xogħol tal-bankina hu mill-fondi lokali tiegħu. Is-Sindku spjega kif għandu x'jifhem li l-bankini ma kienux ser jintmessu l-istess fuq iżewġ naħat, għaliex il-probabilita hija li minn taħt naħat minnom ta' xi bankini għaddejjin xi servizzi oħra. Għalhekk is-Sur Dalli issa talab lil WSC jekk jistgħux jgħaddulu r-rapport ta' x'hemm fuq ġewwa tal-bankini biex il-kunsill ikun jista jara mal-Perit kif inhu l-aħjar li jsir ix-xogħol.

36.3.3 Is-Sur Dalli qal li talab appuntament ma' l-Storm Water Project Office biex jitkellem dwar il-fatt li jekk jistax isir xi culvert biex ir-residenti fi Triq il-Kbira ma jibqgħax ikolhom problemi ta' għargħar fi djarhom. Huwa kompla jgħid kif intalbet ukoll l-għajnuna biex fi Triq San Andrija Sqaq Nru 1, isir xi tip ta' ilqugħ tal-ilma biex l-ilma ma jibqax niezel lejn Triq Enejja u finalment jispiċċa jgħarraq Triq il-Kbira. Is-Sur Dalli kompli jispjega li talab ukoll biex fi Triq is-Salvatur dak il-culvert li hemm jagħti fi ġnien mdaqqas, li donnu mhux qed jiġbor l-ilma tax-xita, jiġi rranġat u ssirlu t-tiswija meħtieġa.

36.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Kardinal Ferretti ħdejn is-substation tad-dawl li kienet irrapurtat is-Sinjorina Farrugia. Dan il-ħajt jidher li tneħħa flimkien mal-periklu li kien qed joħloq.

36.3.5.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar zebra crossing li l-kunsill kien talab lil TM biex issir ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. jidher li Transport Malta ma qablitx mal-post fejn issuġġerrixxa l-kunsill; li kienet biex din issir viċin il-bieb taċ-Ċimiterju minn naħa ta' Ħal Lija. Għalhekk is-Sindku qal li, hemm bżonn li l-kunsill jagħmel t-talba tiegħu aktar b'saħħitha anke bi press confernece fuq il-post wara li jkun irċieva risposta bil-miktub li it-talba ma ġietx milqugħha. Is-Sindku fakkar li din hija triq arterja prinċipali li taqa taħt TM, imma r-residenti li jaqsmu għal dan iċ-ċimiterju huma responsabbilta tal-kunsill.

36.3.5.2 Transport Malta qed tissuġġerixxi li n-nies ta' Ħal-Lija li jkunu sejrin iċ-ċimiterju għandhom jaqsmu minn fuq il-lights eżistenti, jimxu minn ħdejn is-showroom ta' Ħalmann u jibqgħu sejrin sa ħdejn l-ewwel kantuniera tal-fabrika tal-Blokrete, dan iffisser li barra l-lights jaqsmu darbtejn oħra biex jiġu fuq il-crossing, u ovvjament lura. Is-Sur Dalli qal lil kunsilliera li kif il-kunsill ikollu risposta lura finali mingħand TM, l-kunsill għandu jerġa jitkellem dwar kif ser jipproċedi fl-interess tar-residenti.

## 36.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

36.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 36.5 Korrispondenza

36.5.1 Rapport ta' korrispondenza għal din is-seduta ma kienx hemm.

## 36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022

36.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif iċ-ċirkulari tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2022, waslet jum bl-eżatt qabel is-seduta tal-kunsill. Kopja ta' din iċ-ċirkulari ntbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Sindku spjega minn xix tikkonsisti l-allokazzjoni u kif inhi maqsuma.

36.6.2 Is-Sindku tkellem dwar ir-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2022 finali li qed jiġi ppreparat bl-għajnuna tal-*accountant*. Kopja ta' dan ir-rapport draft, li kien jinkludi fih in-nefqa totali tal-kunsill u parti mid-dħul tal-kunsill fejn l-allokazzjoni tal-Gvern kienet għadha ma setatx tiġi nkluża peress li ċ-ċirkulari damet daqsxejn ma waslet, diġa ntbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha.

36.6.3 Bejn wieħed u ieħor is-sindku spjega kif qed jiġi estimat li l-kunsill ser ikollu dħul totali ta' €361,861. Dan id-dħul jikkonsisti minn €320,525 allokazzjoni mill-Gvern Lokali, €25,336 minn bye-laws u €16,000 minn LES.

36.6.4 Il-Kunsill Lokali ser ikollu wkoll nefqa totali ta' €368,474. Din in-nefqa tikkonsisti minn €107,000 salarji, pagi u *allowances*, €200,592 għal servizzi mgħottija minn kuntratturi u manutenzjoni fir-raħal, €52,771 għal servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni u nfiq ġenerali ieħor ta' €8,111.

36.6.5 Dan ifisser li l-kunsill lokali ser ikollu *deficit żgħir* ta' €6,613 għas-sena 2022 u l-FSI ser tkun ta' 88%.

36.6.6 Wara din l-ispjegazzjoni, is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsija kien hemm waħda, mingħand is-Sinjorina Farrugia, fejn staqsiet jekk il-fond mgħoti għal latrini jridx jintuża biss għal tindif fil-latrini jew jekk inkella jistax jintuza ukoll għal manutenzzjoni. Is-Sindku wieġeb li dak il-fond jrid jintuża għal tindif, biex ikun hemm persuna mqabda tieħu ħsieb iżżom il-latrini ndaf.

36.6.7 Dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 36.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

36.7.1.1 <u>SPI/SCI/7/2020 Espressjoni ta' Interess Smart Solutions għall-Immaniġjar tal-Iskart</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet dwar l-applikazzjoni li kien issottometta l-kunsill għal underground smart-bins taħt skema SPI/SCI/7/2020. Hija nfurmat lis-sindku u lil kunsilliera kif din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għalhekk mhux se jingħataw fondi għal dan il-għan.

36.7.1.2 Inkonnessjoni ma' dan is-Segretarju Eżekuttiv fakret kif sa dan it-tant apparti l-aħbar li mhux ser jingħataw fondi minn naħa tal-Gvern biex isiru underground smart-bins, ERA qiegħda xorta tiġri wara l-kunsill biex fil-lokalita, bil-liġi jkollha set wieħed ta' iBins. Filfatt l-ERA riċenti reġgħat staqsiet jekk il-kunsill ġiex intitolat għal fondi mal-Gvern biex jitpoġġew underground ibins u kemm il-darba fondi ma jingħatawx qed tistaqsi lill-kunsill meta u fejn ser jiproponi li jsiru set ta' ibins fir-raħal malajr kemm jista jkun.

36.7.1.3 Is-Sindku, is-Sur Dalli, talab lil kunsilliera kollha biex sa laqgħa oħra jaħsbu daqsxejn fejn il-kunsill jista jpoġġi dawn l-ibins, li fejn jitpoġġew kemm jista jkun jiġu kkreati nkonvenjenzi lir-residenti mill-inqas. Barra minn hekk żied jgħid ukoll li minkejja l-kunsill ma kienx eliġġiblli għal fondi mal-Gvern Lokali, xorta jaf dawn l-ibins jingħataw b'xejn bl-għajnuna ta' Greenpak, skond il-kuntratt li l-kunsill għandu miegħu.

36.7.2.1 **<u>SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil kunsill kif għal darboħra bħal ma sar fi 2021 reġgħat ħarġet l-iskema ta' finanzjament biex isiru attivitajiet kulturali annwali għas-sena 2022. Il-Kunsill lokali ta' Ħal Lija pero skont il-linji gwida ta' din l-applikazzjoni ma jistax jerġa japplika għaliex naturalment kien diġa applika mal-iskema preċedenti SPI/SCI/3/2021. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif il-kunsill minħabba COVID 19 ma wettaq l-ebda attivita kulturali fi 2021 u l-festival taċ-ċitru kien ġie kkanċellat għal din is-sena. Filfatt id-dipartiment tal-Gvern Lokali kien umbgħad għamel eċċezzjoni, fejn kunsilli li applikaw għal skema SPI/SCI/3/2021 biex issiru attivitajiet kulturali fi 2021, ingħatatilhom concession biex l-fondi mgħottija lilom taħt din l-iskema, jagħmlu użu minnom fi 2022, u dan minħabba l-pandemija.

36.7.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif pero lanqas fi 2022 l-kunsill ma telax l-festival taċ-ċitru, u dan għal darboħra minħabba l-pandemija ta' Covid 19 u ċertu restrizzjonijiet li ġew imposti biex issir attivita bħal din.

36.7.3.1 <u>Riżenja ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u nominazzjoni ta' Deputat ġdid</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill ittra ta' riżenja mill-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tas-Sur Etienne Montfort, li minħabba raġunijiet personali ma jistax jibqa f'dan l-inkarigu. Flimkien ma' din ir-riżenja hija poġġiet ukoll fuq il-mejda ttra ta' nominazzjoni tas-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, biex tibda taġixxi hi fil-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv minflokk is-Sur Montfort, f'każ li jkun il-bżonn.

36.7.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kif stipulat fi Artiklu 50 ta' l-Att tal-Kunsilli lokali, l-ewwel nominazzjoni tal-kunsill għandha tkun ta' impjegat li jaħdem fi ħdan l-istess kunsill lokali 'minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi.' Kompliet tgħid kif is-Sinjura Bonnici Bondin għandha grad ta' il-fuq minn Skala 11 u għalhekk, apparti li jixirqilha immens, tista bi dritt tiġi nnominatha għal din il-kariga, kemm il-darba hija taċċetta. Is-Sinjorina Borg qalet kif is-Sinjura Bonniċi Bondin, kemm il-darba l-kunsill għandu pjaċir biha, hija ma ssibx oġġezzjoni li tieħu din il-kariga. Dwar din in-nominazzjoni s-Sinjorina Borg anke diġa tħadtet mas-Sindku.

36.7.3.3 Il-Kunsill kollu unanimament ħa nota tar-riżenja tas-Sur Montfort u approva in-nominazzjoni tas-Sinjura Bonniċi Bondin, fejn hija ġiet maħtura bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ li jkun il-bżonn.

36.7.4.1 <u>Riżenja mill-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv tas-Sinjura Pace u sejħa għal vakanza ta' skrivan fuq bażi full-time</u>

Is-Sinjorina Borg ressqet fuq il-mejda tal-kunsill, l-ittra ta'riżenja tas-Sinjura Pace mill-kariga tagħha ta' uffiċċjal eżekuttiv (SKALA 13) fuq bażi P/T, datata 5 ta' Jannar 2022. Is-Sinjorina Borg qalet kif kienet l-għażla tas-Sinjura Pace li ttemm il-kuntratt ta' impjieg tagħha mal-kunsill lokali u skond il-kuntratt tagħha, mill- 5 ta' Jannar 2022 hija għandha disgħin il-ġurnata ta' notifika li trid taħdem qabel ma titlaq.

36.7.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku talbet biex inkonnessjoni ma' din ir-riżenja, tingħata l-approvazzjoni biex tibda bl-implementazzjoni ta'proċedura għal sejħa ġdida, għal skrivan (SKALA 15), fuq bażi full-time.

36.7.4.3 Il-Kunsill unanimament approva l-ħruġ ta' din is-sejħa il-ġdida, ta' vakanza għal skrivan fuq bażi full-time.

36.7.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-performance appraisal reports tal-ħaddiema klerikali u tas-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tagħhom għas-sena 2021</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal reports* tal-impjegati għas-sena 2021, għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera.

36.7.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li għas-sena 2021 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati erbgħa (4) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2021;
- Tas-Sinjura Audrey Pace fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' uffiċċjal eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2021;
- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' skrivan għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2021; u
- Tas-Sinjorina Pamela Borg fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' segretarju eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2021.

36.7.5.3 Bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg tkelmet fuq l-ewwel tlett *appraisal reports* u hija pproponiet li l-impjegati; Dorianne Bonniċi Bondin u Diane Abela Penza jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal-*performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is- sena. Dawn iż-żewġ impjegati taw performance aqwa minn dak li kien mistenni minnhom, skond il-kariga tagħhom fil-kunsill.

36.7.5.4 Is-Sinjorina Borg umbgħad tkelmet dwar l-appraisal report tal-impjegata Audrey Pace, fejn spjegat kif is-Sinjura Pace ma tatx performance daqshekk eċċellenti kkumparat mal-performance taż-żewġ impjegati l-oħra. Tul il-performance tagħha għas-sena 2021, is-Sinjura Pace ma ħaditx il-pożizzjoni tagħha ta' uffiċċjal eżekuttiv b'daqshekk responsabbilta u filfatt kellha xi nuqqasijiet li trid taħdem aktar fuqhom. Għalhekk qed jiġi rrakkomandat li għas-sena 2021, is-Sinjura Pace tingħata performance bonus ta' 3% u mhux 6%.

36.7.5.5 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-tlett appġraisal reports kif irrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv.

36.7.5.6 Wara dan is-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg ħarġet daqsxejn mill-laqgħa biex is-Sindku jressaq l-aħħar rapport, tas-sinjorina Borg fil-pożizzjoni tagħha ta' segretarju eżekuttiv.

36.7.5.7 Is-Sindku ddiskutha dan ir-rapport mal-kunsilliera u kif intemmet din id-diskussjoni s-Sinjorina Borg reġgħat ġiet imsejħa lura fil-laqgħa. Is-Sur Dalli nforma lis-Sinjorina Borg li l-kunsill unanimament approva l-*appraisal report* tagħha bi *full performance bonus* ta' 10%. Is-Sinjorina Borg irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera ta' dan u tal-apprezzament li huma juru fix-xogħol tal-amministrazzjoni mtella kemm minnha u kif ukoll mill-kumplament tal-impjegati.

36.7.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' tender document ġdida għas-servizz tal-ġbir ta' skart</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku, nfurmat lil kunsilliera kif il-kunsill ser jiskadilu l-kuntratt għas-servizz tal-ġbir ta' skart li huwa għandu bħalissa. Dan il-kuntratt ser jiskadi fil-bidu ta' Marzu u l-kunsill jrid jaħseb biex joħroġ sejħa ġdida. Oriġinarjament il-kunsill kien ordnat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li, dan is-servizz mis-sena 2022 ser jibda jingħata fuq bażi reġjonali u d-dokument tat-tender għalhekk kellu jiġi maħruġ minn naħa tagħhom, pero d-dipartiment meta ġie mistoqsi, nforma lil kunsill li dan id-dokument għadu ma ġiex ikkumpilat.

36.7.6.2 Għalhekk is-Sinjorina Borg spjegat kif id-dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lil kunsill kif huwa għandu joħroġ tender ġdid sakemm ma jridx jestendi il-kuntratt li huwa għandu bħalissa mal-kuntrattur eżistenti, li pero dan għandu jiġi estiż bl-istess prezz u kundizzjonijiet. Ġara li peress li l-kuntrattur eżistenti tal-kunsill jixtieq li jgħolli l-prezz u li ma jġeddidx il-kuntratt bl-istess tariffa,l-kunsill ma jifdallux triq oħra ħlif joħroġ tender ġdid kif igwidat mid-dipartiment, sal-aħħar tas-sena 2022,b'possibbilta ta' estenzjoni għal sena oħra, sal-aħħar tas-sena 2023.

36.7.6.3 Is-Sinjorina Borg qalet kif hija qiegħda fl-istadji li tiprepara dan id-dokument mas-sindku u appena jkun lest hija ser tibgħat kopja tiegħu lil kunsill kollu biex jarah u anke kopja lid-dipartiment biex jiġi approvat qabel ma jiġi ppublikat onlajn b'mod aċċellerat, jekk possibbli. Is-Sinjorina Borg hawnhekk spjegat ukoll kif qed tissuspetta li t-tariffa li ser joffru kuntratturi nteressati jaf tkun ħafna għolja minn dik tal-kuntrattur kurrenti jekk mhux id-dopju. Hija qalet hekk għaliex meta ċċekjat ma' kunsilli li qegħdin f'din l-istess sitwazzjoni u kellhom joħorġu tender ġdid, il-prezz li ġie mgħoti lilom mill-kuntratturi kważi rdopja u ngħataw offerti ħafna aktar olgħa minn dak li jkun estima l-kunsill. Is-Sur Dalli qal li f'każ li l-kunsill ta' Ħal lija jiġrilu hekk ukoll, huwa lest li jkellem lid-Dipartiment.

36.7.6.4 Is-sindku tkellem ftit dwar xi kundizzjonijiet li ser jitniżlu f'dan it-tender. Fil-qosor is-Sur Dalli spjega kif naturalment l-iskeda tal-ġbir ta' skart ser tibqa l-istess u l-kunsill finalment ser ikun qed jerfa l-ispiża tal-ġbir tal-borża is-sewda biss. Dan għaliex l-ispiża tal-ġbir tal-borża tar-riċiklaġġ li tinġabar nhar ta' Tlieta, ser tibqa issir minn Greenpak u l-ispiża tal-ġbir tal-borża tal-iskart organiku ser tibqa tiġi reimbursed minn wasteserv lil kunsill. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif il-kunsill ser jitlob għal vann bis-seperator u l-ġbir tal-iskart ser jintalab isir bejn l-10:00am u s-01:00pm. Il-Kunsill ukoll ser iżomm id-dritt li fil-festa jingħataw il-bins b'xejn u li anke jinġabar l-iskart kollu mir-raħal. Is-Sur Dalli qal ukoll kif ser isir arranġament mal-kollettur biex l-iskart ta' dawk il-każini fir-raħal jew ħwienet li huma żgħar, jerġa jibda jinġabrilhom ukoll mill-ġdid. Is-Sur Dalli qal kif hemm ħafna aktar kundizzjonijiet imniżlin u l-kunsilliera ser ikunu jistgħu jaqraw dawn il-kundizzjonijiet kollha appena tintbgħat kopja lilom tad-dokument li qed jiġi mħejji.

36.7.6.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-kunsilliera kollha biex appena dan id-dokument jkun lest, jiġi kkomunikat kopja tiegħu lil kulħadd u jiġi approvat b'permezz tal-imejl, peress li qed jafas iż-żmien sa meta jiskadi l-kuntratt eżistenti. Apparti dan is-Sindku nforma lil kunsilliera li jaf ukoll jkun hemm bżonn approvazzjoni li l-kuntratt eżistenti jkollu bżonn jiġi estiż , dan dejjem b'xahar, sakemm ma jiġi awarded kuntrattur ġdid li jkun tefa l-offerta tiegħu għas-sejħa l-ġdida.

36.7.6.6 Il-Kunsilliera approvaw dak kollu li ġie diskuss fi punti 36.7.6.1 – 36.7.6.5.

36.7.7.1 <u>Komunikazzjoni mar-residenti b'permezz ta' imejl</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu proposta biex il-kunsill jikkunsidra jibgħat avviż fid-djar fejn jitlob lir-residenti jibgħatu bil-miktub lil kunsill l-indirizzi eletroniċi tagħhom, kemm il-darba huma għandhom, biex kull tip ta' informazzjoni li jkollu l-kunsill jkun jista faċilment jgħaddiha lir-residenti bl-imejl. Residenti li m'għandhomx imejl jistgħu jagħtu lil kunsill l-indirizz postali tagħhom biex jirċievu l-avviż bil-posta. Il-Kunsill diġa kien qed jilħaq lil ħafna mir-residenti bi FB, pero b'din l-inizjattiva l-kunsill żgur li ser ikun qed ikun aktar viċin tar-residenti kollha u jilħaq lil kulħadd.

36.7.7.2 Il-Kunsilliera unanimament approvaw din l-inizjattiva.

36.7.8.1 <u>Talba għall-implementazzjoni ta' mera</u>

Fuq il-mejda tal-kunsill tressqet talba biex tiġi mplementatha mera faċċata tar-residenza numru 31 fi Triq il-Forn. Ir-Residenti qed isibuha diffiċli biex joħorġu mid-dar speċjalment bil-pushchair, għax it-triq dejqa, m'hemmx bankina u jibżgħu li tiġi vettura fuqhom.

36.7.8.2 Is-Sur Dalli spjega kif huwa mar fuq il-post dwar din it-talba u huwa vera li t-triq hija dejqa, m'hemmx bankina u faċli wieħed jintlaqat bi karozza. Minħabba l-element ta' sigurta huwa qed jissuġġerrixi li din l-mera l-kunsill għandu jiprova jweħħilha u jara x'feedback jkollu mingħand ir-residenti. Il-Kunsilliera kollha qablu li veru hemm element ta' safety u li kull min ikun għaddej bil-mixi minn hemm, l-istess bħal min ikun ħiereġ mid-dar jaf jkun fi periklu li tolqtu karozza. Pero s-Sur Zahra rrimarka li bl-implementazzjoni ta' din il-mera jaf jinħoloq preċedent u qal li jekk l-kunsill japprova din it-talba, jkollu japprova kull talba oħra simili li tista ssir.

36.7.8.3 Is-Sur Dalli fehem il-punt tas-Sur Zahra pero rrimarka kif il-kunsill ma jistax jinjora talba bħal din fejn hemm il-periklu nvolut lanqas u l-kunsill għandu jiprova jweħilla din il-mera minħabba l-każ kif inhu u jimxi minn hemm. Is-Sur Zahra staqsa jekk minnflokk tistax ssir sleeping policeman jew inkella speed markings fl-art. Is-Sindku qal kif fl-akwata speed markings diġa hemm u mill-esperjenza tiegħu sleeping policeman mhux dejjem ideali ssir.

36.7.8.4 Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia, rrimarka kif l-karozzi li jgħaddu minn Triq il-Forn qed jafsu ħafna ma' naħa minnhom lejn id-djar għaliex, fuq in-naħa l-opposta ġili jkun hemm ħafna karozzi pparkjati milli kemm suppost joqgħodu. Allura huwa qal li karozza li tkun qed issuq bilfors trid tiġbed aktar fuq naħa minnhom, minħabba dawn il-karozzi li jkunu pparkjati ħazin. Is-Sur Zahra qabel ma' dan il-punt ukoll. Dwar dan is-Sindku qal li l-unika soluzzjoni hija li jitranġaw il-parking bays u huwa kellu sketch ta' dan, li fil-jiem li ġejjien ser ikun qed jerġa jeżamina biex forsi s-sitwazzjoni tal-parkeġġ titjieb għall-aħjar.

36.7.8.5 Wara d-diskussjoni li saret, ġie deċiż li alissa l-kunsill għandu jweħħel din il-mera kif mitlub u jagħmel monitering tas-sitwazzjoni u jara x'feedback ikun hemm mingħand ir-residenti li talbu din l-mera u anke ta' dawk li jgħaddu minn hemm.

36.7.9.1 <u>Imejl dwar problema ta għargħar fi Triq Preziosi</u>

Is-Segretarju eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill ittra mingħand residenta li toqgħod fi Triq Preziosi dwar problema ta' għargħar ta' ilma li qed jinġema quddiem ir-residenza tagħha. Is-sinjorina Borg qrat din l-imejl li kopja tagħha ntbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

36.7.9.2 Is-sindku nforma lil kunsilliera kif it-talba ta' din ir-residenta ser tidaħħal mal-lista ta' xogħlijiet li l-kunsill għandu biex issiru. Il-Kunsilliera approvaw dan.

## 36.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

36.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €85.98 għax-xahar ta' Diċembru.

36.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 36.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

36.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti.

36.9.2 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif inħareġ l-permess fuq l-uffiċċini l-ġodda tal-kunsill, dan inkonessjoni mac-change of use application li daħħal il-kunsill mal-Awtorita tal-Ippjanar biex Villa Videnza fi Triq il-Mitħna tiġi kkonvertitha minn dar għal użu ta' uffiċini għall-kunsill.

## 36.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

36.10.2.1 Il-Kunsillier Calcedonio Cini tkellem dwar it-tiżjien tal-Milied li saru fi 2021. Huwa minn qalbu rringrazzja lil kull min stinka u ħadem biex ġie mplementat it-tiżjien kollu li kien hemm madwar ir-raħal. Huwa kuntent ħafna bil-feedback tan-nies li vera apprezzaw dan it-tiżjien ukoll. Huwa faħħar u qal proset kbira lis-Sindku għax dejjem jistinka u li akkwista l-fondi biex sar dan it-tiżjien, lis-Sur Saviour Mangion, lil Kumitat Festi Esterni, lil Tat-Torri Confectionary, lir-Reġjun Ċentru, lil Ministeru tat-turiżmu u lid-Distrett tal-pulizija nkarigat minn Ħal Lija.

36.10.2.2 Is-Sur Cini kompla billi qal li anke l-attivita ta' mother christmas tat-tqassim tar-rigali kienet waħda ta' suċċess. Huwa rringrazzja lill-istaff kollu u s-sindku talli ħadu ħsieb l-organizzazzjoni tar-rigali fejn anke hu għen f'din il-parti tal-attivita. Qal ukoll proset lis-sinjorina Lorraine Farrugia li ħadet paċenzja għal darboħra tilbes ta' mother christmas biex tferraħ lit-tfal bit-tqassim tar-rigali. Proset ukoll ma tistax ma tmur għal Frankie Buttiġieġ li waqt din l-attivita offra l-għajnuna tiegħu jgħin bil-ġarr tar-rigali. Is-Sur Cini għalaq id-diskors tiegħu fejn issuġġerrixa li għal darboħra biss, kemm il-darba d-demand għal din l-attivita jerġa jkun wieħed kbir, il-kunsill missu jikkunsidra ma jqassamx ir-rigali kolla f'jum f'wieħed u it-tqassim tar-rigali jista jinqasam fi jumejn. Is-Sindku qal kif dan huwa suġġeriment li sena oħra għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.

36.10.2.3 Il-Viċi sindku skuża ruħu għaliex xtaq ħafna jkun parti mill-attivita ta' mother christmas pero minħabba l-COVID19 huwa ma setax. Huwa qabel ukoll mas-suġġeriment tas-Sur Cini, għaliex spjega kif fil-ġurnata meta bdew jitqassmu r-rigali rċieva ħafna messaġġi mingħand diversi residenti li bdew jistaqsuh fejn waslet mother christmas u jekk għadhix ġejja. Naturalment peress li kien hemm ħafna nies li bbukjaw għal din l-attivita, it-tqassim tar-rigali ħa daqsxejn fi-tul.

36.10.2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia wieġbet li mill-esperjenza tagħha ta' kemm ilha tagħmel din l-attivita, it-tqassim tar-rigali jsir skond ir-rotta u t-triq. Hija qalet ukoll li ma tagħmillix differenza jekk din l-attivita ssirx fi ġurnata jew tnejn.

36.10.3 Is-Sur Mallia rrimarka li fi Triq il-Forn ġo parking space fejn il-Grasshopper Bar hemm tappiera li qed tagħmel ħafna storbju meta karozza tgħaddi minn fuqha. Is-sindku qal kif dik it-tappiera tintuża fil-festa u ser jgħid lil Frankie biex jirranġaha kif jista ħalli tikrea inqas inkonvenjenti.

36.10.4 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia staqsiet jekk meta jkun qed isir żvilupp ta' bini ġdid, il-kuntratturi għadhomx iħalsu garanzija tal-bankina bħala insurance f'każ li tista ssir ħsara fuqha. Is-Sindku wieġeb li garanziji għadhom isiru pero mhux mal-kunsill iżda mal-Planning Authority. Is-sinjorina Farrugia sosniet li kemm fi Triq Egidio Lapira u fi Triq Salvu Mifsud hemm żviluppi li mhux ċerta jekk għandhomx din il-garanzija u fil-fehma tagħha l-kunsill għandu jiċċekja dwar dan. Hija qalet li kif diġa nfurmat lil kunsill, eżempju l-kuntrattur ta' Triq Egidio Lapira ħalla bankina diżastruza u għamel parti minn sewwa u l-parti l-oħra tħallit bi crack. Is-Sindku qal kif ser jara r-ritratti li kienet bgħatet is-Sinjorina Farrugia tal-bankina u jiċċekja dwar dan biex jekk filkas isir rapport mal-awtorita fuq iż-żewġ toroq kemm il-darba ma hemmx garanziji u l-bankini ma sarux to standard.

36.10.5 Il-Kunsillier Zahra qal li qabel ma wieħed jitla għal l-akwata ta' Ta' Senna, fil-main road hemm culvert imkisser u staqsa jekk il-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa dwaru. Is-Sindku wieġbu kif aktarx dak qiegħed fi triq arterjali u talab lis-Sur Zahra biex jibgħat ritratt tiegħu ħalli jekk ma taqax fir-responsabbilta tal-kunsill, tintbgħat imejl bir-ritratt lil TM.

36.10.6 Il-Kunsillier Zahra ssuġġerrixa li jekk fi Ħal Lija għadt hemm xi triq li m'għandhix isem, tingħata isem b'tifkira ta' Dr Calvagna. Is-Sindku wieġeb kif jekk filkas dan is-suġġeriment għandu jitpoġġa fuq il-waiting list għal kunsiderazzjoni peress li diġa hemm suġġerimenti għal ismijiet tat-toroq b'tifkira ta' persuni oħra importanti bħal dak ta' Dr. Calvagna. Filfatt hawnhekk is-Sinjorina Farrugia fakret li hija kienet għamlet lista ta' dawk it-toroq fi Ħal Lija li

m'għandhomx isem. Is-Sindku qal kif pero jekk il-kunsill ser isemmi triq għal xi ħadd għandu jara li jsib triq sewwa u xierqa u mhux jsib xi triq vera żgħira li diġa tmiss ma oħra u għalhekk ma tagħmilx sens li tingħata isem ġdid ieħor.

36.10.7 Il-Kunsillier Zahra staqsa dwar il-PA tal-kamra tan-nar u jekk għadhux ser jinstema l-każ fl-20 ta' Jannar jew jekk ġiex kkanċellat għal darboħra. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li ma rċevew xejn ġdid mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar u għalhekk id-data għadha l-istess.

36.10.8 Il-laqgħa ntemmet fi 7:00pm.

36.10.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 09 ta' Frar 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 09 ta' Frar 2022.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv